

Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma daww ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Daww it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

► **B** ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL U TAL-KUMMISSJONI

ta' l-► **C1** 26 ta' Jannar 2000 ◀

dwar il-konklużjoni ta' Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra

(2000/204/EC, KEFA)

(ĠU L 70, 18.3.2000, p. 1)

Kkoreġuta minn:

► **C1** Emendi, Ġ.U. L 308, 4.12.2018, p. 51 (2000/204/EC, KEFA)

▼ B**ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL U TAL-KUMMISSJONI****ta' l-► C1 26 ta' Jannar 2000 ◀****dwar il-konklużjoni ta' Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra**

(2000/204/EC, KEFA)

*Artikolu 1*

Il-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, il-Protokollu annessi miegħu u d-Dikjarazzjonijiet u Skambji ta' Ittri mehmuża ma' l-Att Finali huwa b'dan approvati f'isem il-Komunità Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar.

It-testi tal-Ftehim, tal-Protokollu u l-Att Finali huma mehmuża ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

1. Il-posizzjonijiet li għandha tittieħed mill-Komunità fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni u fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni għandha tkun stabbilita mill-Kunsill, wara proposta mill-Kummissjoni, jew, fejn xieraq, mill-Kummissjoni, kull wieħed/waħda minnhom skond id-dispożizzjonijiet korrispondenti tat-Trattati li jstabbilixxu l-Komunità Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar.

2. Il-President tal-Kunsill għandu, skond l-Artikolu 79 tal-Ftehim, jippresiedi l-Kunsill ta' Assoċjazzjoni u jippreżenta l-pożizzjoni tal-Komunità. Rappreżentant tal-President tal-Kunsill għandu jippresiedi l-Kumitat ta' Assoċjazzjoni, skond l-Artikolu 82 tal-Ftehim, u jippreżenta l-pożizzjoni tal-Komunità.

*Artikolu 3*

Il-President tal-Kunsill għandu jiddepożita l-att ta' notifika li jipprovdi għalih l-Artikolu 96 tal-Ftehim f'isem il-Komunità Ewropea. Il-President tal-Kummissjoni għandu jiddepożita dak l-att f'isem il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar.